

32003R0975

L 141/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

7.6.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 975/2003  
tal-5 ta' Ġunju 2003**

**li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tat-tariffa għall-importazzjoni tat-tonn tal-bott koperti mill-kodiċi NM 1604 14 11, 1604 14 18 u 1604 20 70**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi il-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) F'Novembru 2001, il-Komunità, it-Tajlandja u l-Filippini ftiehm li ssir konsultazzjoni biex tiġi eżaminata sa fejn l-interessi leġittimi tat-Tajlandiżi u l-Filippini kienu qed jiġu mfixkla minħabba fl-implimentazzjoni tat-trattament ta' tariffa preferenzjali għat-tonn tal-bott li joriġina mill-Istati ACP. Minħabba li ma setgħetx tinstab soluzzjoni aċċettabbli għall-partijiet kollha kkonċernati, il-Komunità, it-Tajlandja u l-Filippini ftiehm li jirreferu dan l-argument għall-medjazzjoni. Fl-20 ta' Diċembru 2002 il-medjatur ippreżenta l-opinjoni tiegħu fejn il-Komunità għandha tiftaħ kwota ta' tariffa MFN ta' 25 000 għas-sena 2003 b'rata ta' tariffa *in-quota* ta' 12 % *ad valorem* tunnellata.
- (2) Minħabba x-xewqa li tinstab soluzzjoni għal din il-problema antika, il-Komunità aċċettat din il-proposta. Għalhekk, għandha tiġi miftuħa kwota ta' tariffa addizzjonali għal volum limitat ta' bottijiet ta' tonn.
- (3) Huwa xieraq li jiġu allokati ishma speċifiċi għal kull pajjiż għall-kwota ta' dawk il-pajjiżi li għandhom interess sostanzjali biex ifornu tonn tal-bott, fuq il-bażi tal-kwantitajiet forniti minn kull wieħed minnhom skond il-kondizzjonijiet mhux preferenzjali matul perjodu ta' żmien rappreżentattiv. Il-bqija tal-kwota għandha tkun disponibbli għall-pajjiżi l-oħra kollha.
- (4) L-aħjar mod li jiġi żgurati l-aħjar użu tal-kwota ta' tariffa hi li tiġi allokata fl-ordni kronoloġika tad-dati ta' meta d-dikjarazzjonijiet tar-rilaxx għal ċirkulazzjoni ħielsa jiġu aċċettati.
- (5) Sabiex tiġi żgurata li l-kwota tiġi amministrata b'mod effiċjenti, il-presentazzjoni ta' ċertifikat t'oriġini għandha tiġi mitluba għall-laned ta' tonn importati mit-Tajlandja, l-Filippini u l-Indoneżja, l-ikbar fornituri u l-ikbar benefiċjarji ta' din il-kwota.

- (6) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jiġi addottat skond id-Deċizzjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li jstabilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' l-implimentazzjoni tal-poteri mogħtija lill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Mill-1 ta' Lulju 2003, l-importazzjonijiet ta' laned tat-tonn koperti mill-kodiċi NM 1604 14 11, 1604 14 18 u 1604 20 70 li joriġinaw minn kwalunkwe pajjiż għandhom ikunu eliġibbli għal rata ta' tariffa ta' 12 fil-mija fil-limiti tal-kwota tat-tariffa miftuħa skond dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Il-kwota ta' tariffa għandha tinfetaħ kull sena għal perjodu inizjali ta' ħames snin. Il-volum tagħha għall-ewwel sentejn għandhu ikun iffissat kif ġej:

- 25 000 tunnellata mill-1 ta' Lulju 2003 sat-30 ta' Ġunju 2004,
- 25 750 tunnellata mill-1 ta' Lulju 2004 sat-30 Ġunju 2005.

*Artikolu 3*

Il-kwota tat-tariffa ser tinqasam ferba' partijiet, li ġejjin:

- (a) kwota ta' 52 % tal-volum annwali, bin-numru ta' l-ordni 09.2005, għall-importazzjonijiet mit-Tajlandja; u
- (b) kwota ta' 36 % tal-volum annwali, bin-numru ta' l-ordni 09.2006, għall-importazzjonijiet mill-Filippini; u
- (c) kwota ta' 11 % tal-volum annwali, bin-numru ta' l-ordni 09.2007, għall-importazzjonijiet mill-Indoneżja; u
- (d) kwota ta' 1 % tal-volum annwali, bin-numru ta' l-ordni 09.2008, għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi.

<sup>(1)</sup> ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

*Artikolu 4*

1. L-oriġini tal-laned tat-tonn jikkwalifikaw għall-kwota ta' tariffa stabbilita skond id-disposizzjonijiet viġenti fil-Komunità.

2. Il-kwalifikazzjoni għas-schem tal-kwota tat-tariffa allokata lit-Tajlandja, il-Filippini u l-Indonesja, skond l-Artikolu 3 għandha tkun soġġetta għall-presentazzjoni ta' ċertifikat t'oriġini li jilħaq il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 47 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 <sup>(1)</sup>.

Iċ-ċertifikati ta' l-oriġini għandhom jiġu aċċettati biss jekk il-prodotti jilhqgħu l-kriterji għad-determinazzjoni ta' l-oriġini kif stabbiliti fil-Komunità.

*Artikolu 5*

Il-kwota ta' tariffa għandha tkun amministrata mill-Kummissjoni bi qbil ma' l-Artikolu 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament jista' jiġi rivedut matul it-tieni sena wara li l-kwota tat-tariffa tiġi miftuħa sabiex jiġi addattat il-volum tal-kwota skond il-bżonnijiet tas-suq tal-Komunità. Jekk, madankollu, din ir-reviżjoni ma tkunx lesta tlett xhur qabel it-30 ta' Ġunju 2005, il-kwota tiġi awtomatikament estiża għal sena oħra għal volum ta' 25 750 tunnellata. Imbagħad il-kwota ta' tariffa tiġi

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fil-5 ta' Ġunju 2003.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. STRATAKIS

estiża regolarment għal sena kull darba u għall-istess volum kemm-il darba ma' tkunx adottata reviżjoni mhux iktar tard minn tlett xhur qabel l-egħluq tal-kwota attwali.

*Artikolu 7*

Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi l-emendi u l-aġġustamenti meħtieġa bl-emendi tan-Nomenklatura Magħquda u t-TARIC, ser jiġu addottati skond il-proċedura msejħa fl-Artikolu 8(2).

*Artikolu 8*

1. Il-Kummissjoni ser tkun meġhuna mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa l-Kumitat) mwaqqaf skond l-Artikolu 247a tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 <sup>(2)</sup>.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 sa 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu ta' żmien preskritt fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

*Artikolu 9*

Dan ir-Regolament ser jidħol fis-seħħ fil-20 jum ta'wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

<sup>(1)</sup> ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 881/2003 (ĠU L 134, tad-29.5.2003, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat skond ir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, tat-12.12.2000, p. 17).